MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2013

Rikors Numru. 462/2012

**AB**

**Vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti; li permezz tieghu ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fit-3 ta' Novembru 1985 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, Michelle u James li llum ghandhom 25 u 22 sena rispettivament.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt min-Nutar Dottor Ann Fenech Adami mill-24 ta' Ottubru 1997, kopja ta' liema kuntratt hija hawn annessa bhala Dok. A.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li ilhom separati snin twal u illum ffurmaw hajjiet totalment separti u distinti minn xulxin.

Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju lill-ulied stante li llum dawn huma maggorenni.

Illi b'hekk huma sodisfatti r-rekwiziti kollha tal-artikolu 66B et sequitur tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-esponenti xtaqet tipprevalixxi ruhha mid-drittijiet lilha moghtija sabiex titlob il-hall taz-zwieg bejnha u bejn zewgha.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall ta' zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien tistabilixxi din l-istess Qorti, javza lid-direttur Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat illi giet ikkonfermata minnu bil-gurament tieghu, li in forza taghha huwa jissottometti :
Illi l-esponent jaqbel mat-talba tar-rikorrenti ghall-hall taz-zwieg kuntrattat bejniethom fit-3 ta' Novembru 1985;
Illi l-partijiet isseparaw legalment fl-24 ta' Ottubru 1997 u ma hemm ebda kwistjoni dwar manteniment bejniethom;
Illi l-esponent jikkonferma li ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni;
Illi ghal kull buon fini l-esponent qed jopponi li jigi addebitat spejjez relatati ma din il-procedura;
Illi tant ghandu x'jissottometti l-esponent f'dan l-istadju a savju u superjuri gudizzju ta' dina il-Qorti;
Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Settembru, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta' Ottubru 1997 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut minn hadd mill-partijiet f'dan l-istadju;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------